

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ COMP/M.7182 — Visteon Corporation/In-Negozju ta' Elettronika Għas-Settur**  
**Awtomobilistiku ta' Johnson Controls)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 111/11)

1. Fl-4 ta' April 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Visteon Corporation ("Visteon", l-Istati Uniti) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tan-negozju ta' elettronika għas-settur awtomobilistiku li bħalissa huwa miżmum minn Johnson Controls, Inc. ("JCI", l-Istati Uniti), permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriża konċernati huma:
  - għal Visteon: il-provvista ta' sistemi tal-klima, tal-elettronika u tal-partijiet ta' ġewwa, moduli u komponenti għal manifatturi ta' apparat oriġinali tal-awtovetturi (OEMs),
  - għal JCI: operazzjonijiet teknoloġiċi u industrijali fl-effiċjenza tal-kostruzzjoni; soluzzjonijiet ta' provvista u ta' enerġija għas-settur awtomobilistiku,
  - għan-Negozju ta' Elettronika Għas-Settur Awtomobilistiku ta' Johnson Controls, Inc.: il-provvista lil OEMs fis-settur awtomobilistiku ta' prodotti elettroniki ta' informazzjoni għas-sewwieq u għall-karrozzerija.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.
5. Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) jew bl-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.7182 — Visteon Corporation/In-Negozju ta' Elettronika Għas-Settur Awtomobilistiku ta' Johnson Controls, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").